TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 1168

KAZ NRU. 1414

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Jesmond Galea

u

The General Soft Drinks Co. Ltd.

dwar tkeccija mill-impieg

allegata li hi ngusta.

Data : 15 ta' Jannar 2001

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru ghall-Politika Socjali b'ittra datata 9 ta' Frar 2000 b'referenza MSP/TI/08/2000 skond il-provvedimenti ta' Artiklu 28 (2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm 8 seduti.

Jesmond Galea, aktar il-quddiem jissejjah l-"appellant", kien assistit mill Avukat Kenneth Cutajar u ghall-The General Soft Drinks Co. Ltd. , aktar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija", deheru Peter Kristensen u Maria Micallef assistiti mill-Avukat Andrew Borg Cardona.

Fl-Istqarrija tal-Kaz l-appellant sostna li gie mkecci ngustament ghaliex ma kienx hati ta' l-allegat nuqqas li fuqu tkecca kif ukoll li l-"warnings" li nghata mill-Kumpanija ma kienux validi ghaliex inghataw b'mod irregolari. Il-Kumpanija ikkontendiet li kien hemm gustifikazzjoni ghat-tkeccija minhabba li kien nghata tlett "warnings" u aggrava l-ahhar kaz billi pprova jizvijja lill-"Management" b'allegazzjonijiet li ma kienux veri.

L-ewwel "warning" skond Peter Kristensen kien kas fejn l-appellant talab l-leave li gie rifjutat minhabba pressjoni ta' xoghol. Izda l-appellant irrapporta "sick" u meta l-Kumpanija baghtet it-tabib dan ma sabux. L-appellant ikkontesta l-validita ta' dan il-"warning". Peter Kristensen xehed li meta l-appellant irrapporta "sick" bghatlu t-tabib id-dar u dan irrapporta lura li ma sabux hemm. Izda l-appellant jghid li Kristensen kien qallu li hargulu il-"warning" ghaliex it-tabib cempillu diversi drabi d-dar, ma wiegibx u allura ma kienx hemm. L-appellant irreleva li, ghalkemm Kristensen sostna li t-tabib qallu li mar u ma sabux hemm, il-Kumpanija ma pproducietx ir-rapport tat-tabib u anqas ma tellghet it-tabib koncernat biex jixhed. Barra minn hekk l-appellant jghid, li skond il-proceduri tal-Kumpanija, kieku kien hati u l-warning sehh kienet tinqatghalu l-paga izda l-Kumpanija ma pproducietx evidenza li dan sar.

It-tieni u t-tielet "warning" inghataw dwar zewg cirkostanzi partikulari izda konnessi ma l-istess incident. L-appellant kien irrapporta "sick" izda meta mar it-tabib ma sabux id-dar u hargitlu "warning". L-appellant ikkontestha mal-"Management" billi kkontenda li t-tabib kien mar fil-post hazin ghaliex hu kien informa l-amministrazzjoni tal-Kumpanija bil-bdil ta' l-indirizz kif ukoll li l-mara tieghu kienet avzat meta rrappurtatu sick li kien qieghed fl-indirizz ta' l-Msida u mhux dak tal-Mellieha.

Il-"Management" emmnu u hassar il-"warning" izda meta vverifika rrezulta li dak li kien ikkontenda l-appellant ma kienx veru. Ghalhekk rega' hariglu l-"warning" dwar li ma kienx id-dar meta mar it-tabib u ohra talli kien ta' nformazzjoni falza biex jiggustifika n-nuqqas. Din giet meqjusa bhala t-tielet wahda u gie mkecci.

Mix-xhieda u mid-dokumenti jirrezulta li :

a) l-appellant kellu zewg indirizzi wiehed l- Msida u iehor l-Mellieha izda generalment kien joqghod f'dan ta' l-ahhar ;
b) ghalkemm l-indirizz ufficjali tieghu kien irregistrat mal-Kumpanija dak ta' l-Msida kienet giet avzata mill-appellant li kien qed joqghod l-Mellieha ;
c) l-appellant ighid li f'Novembru 1999 kien mistoqsi minn Maria Cassar, Human Resources Co-ordinator, fejn ried li tibghatlu l-invit tal-Milied u hu wiegeb l-Msida u fil-fatt intbghat hemm ;
d) l-mara ta' l-appellant tghid li meta cemplet biex tirrapportah "sick" kienet qalet li min wegibha "Jien il-mara ta' Jesmond Galea biex nirrappurtah sick l-Msida" ;

e) l-appellant u l-mara jghidu li nizlu joqghodu l-Msida ghax hi kienet tqila u riedu jnaqqsu l-iskarigg u jkunu eqreb l-isptar ;
f) l-appellant jghid li darba biss fl-ahhar snin mar it-tabib il-Mellieha u diversi drabi kellu jkopri ruhu b'certifikat ta' tabib privat ghas-spejjes tieghu ghax ma jkunx mar it-tabib tal-Kumpanija ; barra minn hekk darba it-tabib kien, bi zball, mar l-Msida flok il-Mellieha ;
g) Thomas Farrugia, impjegat mal-Kumpanija, jghid li l-appellant cempillu xi hin wara s-saghtejn u nofs u qallu li t-tabib ma giex u li hu qieghed l-Msida. Hu mbaghad irrapporta lil min kien koncernat ;
h) Maria Cassar, Human Resources Co-ordinator tghid li fir-"records" tal-Kumpanija kien irregistrat l-indirizz tal- Mellieha ghal skopijiet ta' fejn ghandu jintbaghat it-tabib f'kas ta' "sick Leave" u li l-appellant qatt ma nforma l-Kumpanija biex dan jinbidel ;
i) William Gauci, Security Guard, li ha t-telefonata jghid kategorikament li l-mara ta' l-appellant ma qaltlux li dak in-nhar kien qieghed fl-indirizz ta' l-Msida, izda biss li kien "sick" u li kieku qaltlu aktar minn hekk kien jghaddi din l-informazzjoni lil min hu koncernat ;
j) John Bonnici, Supervisor, jghid li meta kien irid jaqbad ma l-appellant kien icempillu l-Mellieha ghax sa fejn jaf hu hemm kien isibu.

It-Tribunal wara li gharbel ix-xhieda u ezamina d-dokumenti kif ukoll qis il-kredibilita tax-xhieda kkunsidra li :

a) l-indirizz registrat mal-Kumpanija ghall-iskop ta' fejn ghandu jmur it-tabib meta l-appellant jirrappota "sick" kien dak tal-Mellieha u kienet ir-regola li t-tabib tal-Kumpanija jintbaghat hemmhekk ;
b) jirrizulta minn xhieda ta' l-appellant, li ma gietx kontestata, li darba biss mar it-tabib il-Mellieha u diversi drabi l-appellant kellu jipproduci certifikat ta' tabib privat ghas-spejjes tieghu ;
c) il-fatt li Maria Cassar kienet staqsiet lill-appellant fejn irid li jintbaghtlu l-invit tal-Milied b'ebda mod ma jista' jitqies li biddel l-indirizz fejn kellu jintbaghat it-tabib jew li l-appellant kien formalment talab li dan isir kif kien obbligat li jaghmel ;
d) ix-xhieda tal-mara ta' l-appellant li meta cemplet qalet "-----biex nirappurtah sick l-Msida" la hi konvincenti u anqas sufficienti ghaliex l-appellant kien jaf li diga kellu problemi dwar visti tat-tobba u ghalhekk kellu jaghti struzzjonijiet lill-mara biex taghmel enfasi li t-tabib kellu jmur f'tali ndirizz l-Msida ghaliex ir-ragel kien qieghed hemm dak in-nhar ;
e) ix-xhieda ta Maria Cassar li l-indirizz registrat mal-Kumpanija fejn kellu jintbaghat it-tabib kien dak tal-Mellieha u li dan qatt ma nbidel, ta' John Bonnici li meta ried jaghmel kuntatt ma l-appellant kellu jfittxu l-Mellieha u ta' William Gauci li meta l-mara ta' l-appellant irrappurtatu "sick" ma qaltlux li kien qieghed l-Msida kienet konsistenti u kredibbli ;

It-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha wasal ghall-konkluzjoni li :

Kien hemm gustifikazzjoni li r-rezidenza tinbidel mill-Mellieha ghall-Msida billi l-mara kienet tqila u riedu jevitaw hafna skarigg u jkunu qrib l-Isptar. Dan ma jeskludix li l-mara setghet toqghod ghand ommha waqt li l-appellant xorta jibqa l-Mellieha. L-anqas ma jnehhi l-obbligu li javza formalment lill-Kumpanija li bidel ir-rezidenza ghal skopijiet ta' fejn ghandu jmur tabib f'kas ta' "sick leave".

Dwar l-ewwel "warning" ma giex ippruvat jekk dan sehhx ghaliex dan ma giex prodott u ma ngabitx evidenza li nqatghet il-paga ta' l-appellant kif normalment isir f'kazijiet bhal dan. It-tieni u tielet warning ghandhom jitqiesu separati u distinti ghaliex, ghalkemm konnessi ma l-istess kas, inghataw ghal nuqqasijiet differenti f'dati differenti.

Il-Kumpanija kecciet l-appellant ghaliex sabitha naccettabli li jiskolpa ruhu billi jitfa htija fuq haddiehor u fuq bazi ta' tlett "warnings".

Il-General Manager agixxiet fis-sahna tal-mument meta kecciet l-appellant immedjatament kif irrezulta li dak li kien qalilha, u li fuqu kienet hassritlu l-"warning", ma kienx veru. Ghalkemm kellha raguni tohodha bi kbira forsi kieku ma agixxiet spontanjament ma kienetx tasal biex tordna tkeccija izda xi kastig iehor iebes.

It-Tribunal jiddeciedi li l-appellant kien hati ta' nuqqas serju hafna li kien jimmerita kastig iebes. Ghalkemm il-Kumpanija kellha ragun issib l-agir ta' l-appellant inaccettabbli hi agixxiet billi tatu dak li sejhet it-tielet "warning" u keccietu fuq din il-bazi bil-kliem " I am therefore giving you your 3rd "warning" and by that dismissing you from work with immediate effect".

Ghalkemm l-appellant kien hati ta' nuqqas serju hafna, billi ma giex pruvat li dan kien it-tielet "warning" li fuq bazi tieghu tkecca, it-Tribunal jordna li l-appellant jibqa fl-impieg mal-Kumpanija, jerga' jidhol ghax-xoghol minn ghada, 16 ta' Jannar 2001, u z-zmien kollu li ghamel barra ghandu jitqies bhala sospensjoni minghajr hlas.

It-Tribunal iwissi l-appellant li ghandu josserva rigoruzament l-proceduri rikjesti dwar is-"sick leave" u jkun lejali lejn l-Kumpanija waqt li jheggeg il-Kumpanija tistabbilixxi proceduri amministrattivi dwar rezidenza ta' mpjegati li torbot iz-zewg partijiet u ma thalli ebda lat ghal kontestazzjoni.

Għall-finijiet ta' l-Avviż Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbgħin lira Maltin).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xogħol.

George Borg-Cardona
Chairman

Emma Muscat
A/Segretarja